KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 12.5.2011
KUMM(2011) 260 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu

SOMMARJU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz [marlozz] tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża [ksampu] fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja [Iberika] tal-Punent. Dan il-pjan ta' rkupru għandu l-għan li jtella' l-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-marlozz 'il fuq minn 35000 tunnellata fi żmien għaxar (10) snin u li jnaqqas il-mortalità tas-sajd għal F = 0.27. Fir-rigward tal-ksampu, l-għan huwa li l-istokk jerġa' jinbena għal livelli fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri f'perjodu ta' għaxar (10) snin. L-elementi ewlenin tal-pjan huma tnaqqis annwali ta' 10 % fl-F u limitu ta' 15 % għall-bidliet fit-TACs (il-Qabdiet Totali Permissibbli) bejn is-snin. F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda fil-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-marlozz, l-aktar minħabba fatturi ambjentali u bijoloġiċi eċċezzjonali. Ix-xjenzati jistmaw li l-mortalità mis-sajd għada għolja wisq u li t-TACs inqabżu. Dan jissuġġerixxi li l-pjan ma ġiex implimentat b'mod effettiv.

1. INTRODUZZJONI

Il-marlozz tan-Nofsinhar (*Merluccius merluccius*) huwa waħda mill-iktar speċijiet fil-mira importanti għall-flotot li joperaw fil-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika. Iż-żona ta' distribuzzjoni tiegħu tinkludi l-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika li tikkorrispondi għad-Diviżjonijiet tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) VIIIc u IXa. Ir-rendimenti storiċi naqsu minn 30000 tunnellata fil-bidu tas-snin 70 għal minimu ta' 6700 tunnellata fl-2002, biex sussegwentement żdiedu għal 16000 tunnellata fl-2008. Fl-2003, l-ICES ikklassifika l-istokk bħala li kien barra mil-limiti bijoloġiċi u rrakkomanda pjan ta' bini mill-ġdid tal-bijomassa. Konsegwentement, fl-2006, l-Unjoni Ewropea (UE) introduċiet pjan ta' rkupru għall-istokk. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz [marlozz] tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża [ksampu (*Nephrops norvegicus*)] fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja [Iberika] tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar daħal fis-seħħ f'Jannar 2006.

Il-pjan ta' rkupru msemmi iktar 'il fuq għandu l-għan li jtella' l-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-marlozz 'il fuq minn 35000 tunnellata fi żmien għaxar (10) snin u li jnaqqas il-mortalità mis-sajd għal F[1] = 0.27. Fir-rigward tal-ksampu, l-għan huwa li l-istokk jerġa' jinbena għal livelli fil-limiti bijoloġiċi sikuri f'perjodu ta' għaxar (10) snin. L-elementi ewlenin tal-pjan huma tnaqqis annwali ta' 10 % fl-F u limitu ta' 15 % għall-bidliet fit-TACs bejn is-snin, fejn ġie segwit il-parir xjentifiku rilevanti tal-STECF (il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd) u tal-ICES.

---

[1] Il-mortalità mis-sajd (F) hija r-rata li biha l-annimali jitneħħew mill-istokk bis-sajd. Bejn wieħed u ieħor din hija l-perċentwali tat-tneħħija annwali.

L-attività tal-bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu hija suġġetta għal limiti tal-isforz[2] tas-sajd stabbiliti fl-Anness IIB għar-regolamenti annwali tal-Kunsill li jistabbilixxu l-opportunitajiet annwali tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut. Skont dawn id-dispożizzjonijiet dwar l-isforz, il-bastimenti tal-UE li għandhom tul totali ta' 10 metri jew iktar li jġorru abbord kwalunkwe wieħed mill-irkapti regolati (xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u rkapti simili b'daqs tal-malja ta' jew ikbar minn 32 mm, għeżula b'daqs tal-malja ta' jew ikbar minn 60 mm, kif ukoll konzijiet tal-qiegħ) b'reġistrazzjonijiet fejn il-ħatt l-art totali tal-marlozz jirrappreżenta 5 tunnellati jew iktar u/jew 2.5 tunnellati jew iktar ta' ksampu għandhom l-attività tagħhom ristretta għal għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar. Dan l-għadd massimu ta' jiem jiġi aġġustat kull sena bl-istess proporzjon bħall-aġġustament annwali fil-mortalità mis-sajd stmat mill-ICES u mill-STECF bħala li jkun konsistenti mal-applikazzjoni tal-pjan. Mill-2005, ir-reġim tal-isforz impona tnaqqis ta' 10 % fuq l-għadd massimu ta' jiem ta' sajd minn sena għall-oħra.

1.1. Il-bażi għal dan ir-rapport

Dan ir-rapport isegwi r-rekwiżiti preskritti mill-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005, fejn jingħad li l-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jistabbilixxi l-konklużjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru għall-istokkijiet u għas-settur tas-sajd ikkonċernati, inkluża d-dejta soċjoekonomika disponibbli marbuta mal-pjan, sas-17 ta' Jannar 2010.

Dan ir-rapport huwa prinċipalment ibbażat fuq l-istudju ta' evalwazzjoni mwettaq f'Ottubru 2010 mis-sottogrupp tal-STECF dwar l-għanijiet u l-istrateġiji ta' ġestjoni (SGMOS 10-06) u li kien approvat mill-35 laqgħa plenarja tal-STECF li saret f'Novembru 2010. Jitqiesu wkoll elementi oħrajn, bħal informazzjoni xjentifika/teknika rilevanti reċenti kemm mill-ICES kif ukoll mill-STECF, u l-konklużjonijiet ta' studju dwar il-ġestjoni tar-reġim tal-isforz fl-Istati Membri tal-UE.

L-evalwazzjoni tal-STECF tal-pjan għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu mwettqa f'Ottubru 2010, issegwi l-konklużjonijiet ta' għadd ta' laqgħat xjentifiċi relatati, jiġifieri, (i) il-valutazzjoni skont punti ta' referenza tal-ICES ta' Frar 2010 li vvalidat metodoloġija ġdida sabiex ikun determinat l-istatus bijoloġiku tal-istokk tal-marlozz tan-Nofsinhar, (ii) il-laqgħa ta' stħarriġ tal-STECF ta' Ġunju 2010 fejn ġew speċifikati serje ta' attivitajiet ta' ħidma bi tħejjija għall-evalwazzjoni tal-pjan, (iii) l-analiżi tal-STECF tar-reġim tal-isforz (f'Settembru 2010), u (iv) ħidma tal-ICES dwar l-evalwazzjoni tar-regoli dwar il-kontroll tal-ħsad matul l-2010.

Spanja, il-Portugall u sa ċertu punt (ferm inqas sinifikanti) Franza huma t-tliet Stati Membri[3] involuti fis-sajd għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu fil-Baħar tal-Kantabrija u fil-Punent tal-Peniżola Iberika. F'dan il-kuntest, id-dejta pprovduta minn Spanja u mill-Portugall kienet indispensabbli sabiex ix-xjenzati tal-STECF u tal-ICES setgħu jaslu għal konklużjonijiet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet b'relazzjoni għad-diversi valutazzjonijiet imwettqa. Kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri kkonċernati informazzjoni dettaljata dwar qabdiet u sforz tas-sajd kif ukoll dejta soċjoekonomika sabiex jintużaw għal finijiet xjentifiċi. Madankollu, kien biss fit-tieni nofs

---

2 Fid-Diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa eskluż il-Golf ta' Cadiz.

3 Spanja għandha 64 % u 41 % tat-TACs tal-marlozz u tal-ksampu rispettivament. Il-Portugall għandu 30 % u 58 % tat-TACs tal-marlozz u tal-ksampu rispettivament. Franza għandha 6 % u 1 % tat-TACs tal-marlozz u tal-ksampu rispettivament.

tal-2010 li ġiet ikkomunikata dejta ta' kwalità biżżejjed kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-STECF.

2. KUNSIDERAZZJONIJIET BIJOLOĠIĊI

2.1. Il-marlozz tan-Nofsinhar

Il-marlozz Ewropew huwa predatur mill-aqwa fil-komunità demersali fiż-żona tal-Grigal tal-Atlantiku fejn jikkaċċja prinċipalment lill-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), lis-sawrell (*Trachurus* spp.) u lil kupleidi oħrajn. L-istokk tal-marlozz tan-Nofsinhar jinkludi lill-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika li tikkorrispondi għad-Diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa. Għalkemm il-marlozz Ewropew Atlantiku u dak Mediterranju ġeneralment jitqiesu bħala stokkijiet differenti minħabba differenzi fil-bijoloġija, fil-Grigal tal-Atlantiku ma hemm l-ebda evidenza ċara li teżisti iktar minn popolazzjoni waħda ta' marlozz. Huwa probabbli li hemm ċertu ammont ta' trasferiment bejn l-istokkijiet tal-marlozz tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana.

Il-valutazzjonijiet tal-istokk tal-marlozz tan-Nofsinhar li saru mill-ICES fl-2010 juru li ma ntlaħaqx it-tnaqqis mistenni fil-mortalità mis-sajd (F), skont il-pjan, u l-mortalità mis-sajd għada għolja wisq, fejn attwalment l-ICES jistma li tlaħħaq madwar 0.74 (Figura 1). Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv (SSB) żdiedet minn 12.7 elf tunnellata fl-2006 għal 21.5 elf tunnellata fl-2010; din iż-żieda ġejja, fil-parti l-kbira, minn klassi ta' sena b'saħħitha (madwar 61 % 'il fuq mill-medja tar-reklutaġġ tal-1982-2010) li daħlet fl-istokk fl-2007 (Figura 1).

Figura 1 – Bidliet fil-qabdiet, fil-ħatt l-art, fir-reklutaġġ, fil-mortalità mis-sajd u fl-SSB għall-marlozz tan-Nofsinhar mill-1982 sal-2010.



Sors: Parir tal-ICES għall-2010, Ktieb 7, punt 7.4.1.

L-indiċijiet tar-reklutaġġ tal-marlozz[4] huma relatati kemm ma' fatturi ambjentali kif ukoll ma' fatturi bijoloġiċi. Waqt xenarji oċeanografiċi intermedji jkun hemm livelli ogħla ta' reklutaġġ filwaqt li f'sitwazzjonijiet estremi jiġi osservat tnaqqis fir-reklutaġġ. F'termini bijoloġiċi, bidla fl-istruttura tal-istokk tagħti lok għal reazzjoni kumpensatorja ta' età/daqs fil-punt ta' maturità minħabba li t-tnaqqis tal-ħut il-kbir jista' jiġi kkumpensat minn żieda fir-reklutaġġ. F'dan il-kuntest, il-fatt li r-reklutaġġ kien tajjeb minkejja bijomassa riproduttiva ferm baxxa huwa minnu nnifsu effett kumpensatorju li rriżulta minn perjodu estensiv ta' sajd żejjed. Dan jitqies mix-xjenzati bħala avveniment mhux tas-soltu u mhux mistenni.

Il-miri tal-pjan huma li tintlaħaq bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' 35000 tunnellata sal-2015, ekwivalenti għal bijomassa prekawzjonali, u mortalità mis-sajd ta' F = 0.27 kif ġew ivvalutati mix-xjenzati fl-2004. Madankollu, is-simulazzjonijiet bijoloġiċi juru li l-mira għal F ta' 0.27 mhijiex se tintlaħaq qabel l-2018, anki jekk il-pjan jiġi implimentat b'mod sħiħ mill-2011 'il quddiem. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-F sal-2015 huwa meħtieġ tnaqqis ikbar fl-F u limitu ikbar għat-TACs. L-għan tal-UE huwa li tilħaq Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) għal kull stokk sal-2015, kif ġie miftiehem waqt is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 li sar f'Johannesburg.

Skont l-STECF, jekk l-implimentazzjoni tal-pjan tkompli tfalli, il-mira għall-F tista' ma tintlaħaqx anki jekk jiġi stabbilit pjan rivedut u/jew reġim tal-isforz ġdid.

Dwar il-mira għall-bijomassa, perċezzjonijiet attwali tad-dejta dwar l-istokk u dwar ir-reklutaġġ jissuġġerixxu li l-limiti bijoloġiċi sikuri jistgħu jkunu fuq livell ferm iktar baxx tal-bijomassa milli kien stmat preċedentement. Madankollu, minħabba inċertezzi fil-mudell bijomatematiku li ntuża, il-livelli tal-bijomassa jridu jiġu ttrattati b'kawtela.

2.2. Il-ksampu

Il-ksampu huwa speċi li tħaffer li tgħix fit-tajn ta' qiegħ il-baħar fil-pjattaforma kontinentali u fix-xaqliba ta' fuq. Id-distribuzzjoni tal-ksampu hija iktar determinata mit-tip ta' qiegħ u mit-temperatura tal-baħar milli mill-fond. Din l-ispeċi hija distribwita f'konfigurazzjoni ta' rqajja', iddefinita mix-xjenzati bħala FU (Unitajiet Funzjonali), fejn is-sottostrat ikun adattat. L-istokkijiet tal-ksampu f'dawn l-FU indipendenti ta' spiss ikollhom status bijoloġiku differenti li jeżiġi miżuri ta' ġestjoni differenti.

L-istokkijiet tal-ksampu fl-FU 25 u 31 fil-Baħar tal-Kantabrija u fl-FU 26-27 fil-Punent tal-Peniżola Iberika diġà kienu bin-nieqes meta ngħata bidu għall-pjan u sussegwentement ma tjibux. Ir-rakkomandazzjoni tal-ICES għal dawn l-erba' FU kienet li ma ssir ebda qabda qabel u matul il-perjodu tal-pjan ta' ġestjoni. Il-qabdiet għalhekk affetwaw negattivament l-istatus ta' dawn l-istokkijiet.

L-isforz fl-FU 28-29 u fl-FU 30 fil-Lbiċ tal-Peniżola Iberika u fil-Golf ta' Cadiz tnaqqas prinċipalment minħabba l-bidla fl-għanijiet tal-flotot li għandhom fil-mira tagħhom din l-ispeċi (il-flotta Portugiża għas-sajd tal-krustaċji u l-flotta demersali mħallta ta' Cadiz) u minħabba ż-żieda fl-abbundanza tar-rose shrimp (*Parapenaeus longirostris*), iktar milli minħabba tnaqqis fl-isforz impost mill-pjan. Ġie stmat li l-bijomassa fl-FU 28-29 żdiedet, għalkemm fl-FU 30 għadha fuq livell baxx. Għall-FU 28-29, il-qabdiet rappurtati ta' iktar

[4] Ir-reklutaġġ huwa l-għadd ta' ħut ġdid li jiżdied mal-porzjon li jista' jiġi sfruttat tal-istokk li jirriżulta mit-tkabbir jew mill-migrazzjoni ta' ħut iżgħar fid-daqs.

minn 400 tunnellata fil-bidu tal-pjan naqsu għal madwar 120 tunnellata fl-2009 minħabba bidla fl-ispeċi fil-mira għal din il-flotta.

3. DESKRIZZJONI TAS-SAJD

3.1. Il-marlozz tan-Nofsinhar

Il-marlozz fil-Baħar tal-Kantabrija u fil-Punent tal-Peniżola Iberika jinqabad f'sajd imħallat prinċipalment mill-bastimenti Spanjoli u Portugiżi (il-bastimenti tat-tkarkir, tas-sajd bl-għeżula, tas-sajd bil-konz u l-flotot artiġjanali).

Il-flotta tat-tkarkir Spanjola hija pjuttost omoġenja u tuża prinċipalment żewġ irkapti: ix-xbieki tat-tkarkir tal-par u x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Il-perċentwali ta' marlozz preżenti fil-ħatt l-art ta' din il-flotta hija pjuttost żgħira peress li hemm speċijiet fil-mira importanti oħrajn (jiġifieri, il-petriċi (*Lophiidae*), il-megrim (*Lepidorhombus* spp.), il-ksampu, l-istokkafixx, is-sawrell u l-kavalli (*Scomber scombrus*)). Min-naħa l-oħra, il-flotta artiġjanali hija ferm eteroġenja u tuża firxa sħiħa ta' rkapti bħal nases, għeżula kbar u żgħar, konzijiet, eċċ. Il-flotta artiġjanali għandha fil-mira tagħha komponenti differenti tal-istokk, skont l-irkapti li jintużaw. Il-marlozz huwa komponent importanti tal-qabda għal dawn il-flotot l-aktar minħabba l-prezzijiet relattivament għoljin li jista' jilħaq fis-swieq Iberiċi.

Il-marlozz jinqabad mill-flotta Portugiża fis-sajd imħallat bix-xbieki tat-tkarkir u artiġjanali flimkien ma' speċijiet oħrajn ta' ħut u mal-krustaċji. Dawn jinkludu s-sawrell, il-petriċi, il-megrim, il-kavalli, il-kavalli ta' Spanja (*Scomber japonicus*), l-istokkafixx, il-gambli rossi (*Aristeus antennatus*), ir-rose shrimp u l-ksampu. Il-flotta tat-tkarkir tinkludi żewġ komponenti distinti – il-flotta tat-tkarkir li taqbad il-ħut demersali (b'daqs tal-malja ta' 70 mm) u l-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir li għandha fil-mira tagħha l-krustaċji (b'daqs tal-malja ta' 55 mm).

3.2. Il-ksampu

Fil-Bajja ta' Biscay u fl-ibħra tal-Punent tal-Iberja, il-ksampu jinqabad fis-sajd imħallat bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Is-sajd isir matul is-sena kollha, bl-ikbar ħatt l-art ikun fir-rebbiegħa u fis-sajf. Il-ksampu jinqabad flimkien mal-marlozz, mal-petriċi, mal-megrim, mas-sawrell, mal-kavalli u mal-istokkafixx. Minħabba n-natura mħallta tas-sajd demersali f'din iż-żona, il-miżuri ta' ġestjoni għall-ispeċijiet ta' ħut tal-pinen jinfluwenzaw l-isfruttament tal-ksampu.

Fil-Lbiċ u fin-Nofsinhar tal-Portugall (FU, Unitajiet Funzjonali 28-29), is-sajd għan-*Nephrops* jirrappreżenta qabda inċidentali żgħira imma ta' valur fis-sajd li għandu fil-mira tiegħu l-aktar l-ispeċijiet ta' ħut demersali. Fl-FU 28-29, hemm sajd bix-xbieki tat-tkarkir għall-krustaċji li għandu fil-mira l-aktar il-krustaċji tal-fond. Dawn il-bastimenti għandhom liċenzji biex jaqbdu l-ksampu b'malja ta' 70 mm u l-gambli b'manki b'malja ta' 55 mm. Dawn iż-żewġ speċijiet għandhom valuri differenti fis-suq. L-isforz ikun dirett lejn speċi waħda jew l-oħra skont l-abbundanza tagħhom. Ir-rose shrimp huwa l-ispeċi fil-mira prinċipali filwaqt li l-ksampu huwa alternattiva.

L-isforz li sar fuq l-istokkijiet tal-ksampu fl-FU 28-29, stmat mill-ICES, tnaqqas l-aktar minħabba t-trasferiment tal-isforz għar-rose shrimp, l-ispeċi l-oħra fil-mira tal-flotta għas-sajd tal-krustaċji. Skont l-ICES, din il-bidla kkawżat tnaqqis fl-F għal dawn l-istokkijiet tal-

ksampu. Għalkemm marġinali, is-sehem tal-ksampu mill-ħatt l-art totali naqas b'44 % (minn 0.23 % għal 0.10 %) mill-2006 sal-2009.

4. IR-REĠIM TAL-ISFORZ TAS-SAJD

L-attività tal-bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu hija suġġetta għal limiti tal-isforz tas-sajd espressi f'jiem fuq il-baħar stabbiliti fl-Anness IIB għar-regolamenti annwali tal-Kunsill li jistabbilixxu l-opportunitajiet annwali tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, kif ġie deskritt iktar 'il fuq fil-punt 1.

Il-linja bażi tal-isforz tas-sajd kienet stabbilita għal kull tip ta' rkaptu abbażi tal-attività tal-flotta fl-2003, imkejla f'kW.jiem fuq il-baħar. Dawn il-figuri nominali[5] tal-isforz intużaw sabiex jiġu kkalkolati l-adattamenti tal-isforz matul is-snin.

4.1. L-evoluzzjoni tal-isforz tas-sajd u tar-rati tal-mortalità mis-sajd

Peress li l-marlozz jinqabad f'sajd imħallat u jista' jirrappreżenta perċentwali żgħira mill-qabdiet totali ta' ċerti segmenti tal-flotta (eż. il-bastimenti tat-tkarkir), ir-restrizzjoni tal-attività ta' dawn il-bastimenti tista' ma tippermettix l-ilħiq tal-massimu tal-potenzjal tas-sajd tal-flotta. Madankollu, is-sehem tal-marlozz mill-ħatt l-art totali żdied b'46 % (minn 7.5 % għal 11 %) mill-2006 sal-2009 probabbilment minħabba iktar abbundanza ta' marlozz matul l-aħħar ftit snin.

Minħabba r-restrizzjonijiet għall-isforz imposti mill-pjan, l-isforz totali nominali juri tnaqqis ċkejken matul is-snin. Minkejja t-tnaqqis annwali fl-isforz nominali tas-sajd f'fażijiet ugwali ta' 10 %, l-F (ir-rata tal-mortalità mis-sajd) tal-marlozz ma ġietx effettivament imnaqqsa u għada għolja wisq, bl-ICES attwalment jistma li tlaħħaq madwar 0.74 jew 2.7 darbiet 'il fuq mill-mira (Figura 1).

Min-naħa l-oħra, abbażi ta' informazzjoni xjentifika, hemm indikazzjonijiet li t-TACs setgħu inqabżu matul diversi snin tal-pjan u r-rati ta' rimi lura ta' ħut huma għoljin. Fl-2009, l-ICES ikkalkula ħatt l-art ta' 19200 tunnellata u qabdiet ta' 22400 tunnellata, rispettivament 2.4 u 2.8 darbiet 'il fuq mit-TAC ta' 8104 tunnellata. Dawn is-sejbiet jeħtieġu iktar investigazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-Istati Membri involuti.

Il-mortalità mis-sajd għolja b'mod mhux mistenni tal-marlozz li ssemmiet iktar 'il fuq tista' tiġi spjegata kif ġej:

(1) Hemm indikazzjonijiet li l-pjan ta' rkupru ma ġiex implimentat b'mod effettiv. Id-dejta xjentifika tissuġġerixxi li t-TACs inqabżu b'mod sinifikanti. Dan jista' jkun parzjalment dovut għal nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali ta' kontroll. Mill-2006, il-Kummissjoni wettqet għadd ta' spezzjonijiet kemm fuq is-sistemi ta' kontroll Spanjoli kif ukoll fuq dawk Portugiżi. Il-Kummissjoni bħalissa qed tinvestiga u tivverifika s-sistema ta' kontroll Spanjola.

---

[5] L-isforz nominali tas-sajd huwa l-isforz potenzjali tas-sajd ta' unità tas-sajd iddefinita skont il-bastiment u t-tip ta' rkaptu użat. Huwa funzjoni tal-karatteristiċi tal-bastiment irreġistrat (f'kW) u taż-żmien li l-bastiment iqatta' fuq il-baħar.

(2) Ġestjoni ineffettiva u/jew inkorretta tal-isforz fuq il-livell nazzjonali. Pereżempju, skont l-Artikolu 26(6) tar-Regolament ta' Kontroll (KE) Nru 1224/2009 "*Jum preżenti f'żona għandu jkun kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa jew parti minnu li matulu bastiment tas-sajd ikun preżenti fiż-żona ġeografika u assenti mill-port jew, fejn adatt ikun qed juża l-irkaptu tas-sajd tiegħu...*" Dan ifisser li kwalunkwe frazzjoni ta' jum għandha tingħadd bħala jum sħiħ. Kien fuq din il-bażi li fl-2003 kienu stabbiliti l-linji bażi tal-isforz f'kW.jiem. Peress li r-Regolament ta' Kontroll il-ġdid daħal fis-seħħ biss reċentement f'Jannar 2010, wieħed għandu jassumi li r-regoli sabiex jiġu ttrattati l-frazzjonijiet tal-jiem qabel l-2010 kienu diskrezzjonali.

(3) L-isforz tas-sajd ġie ttrasferit għand bastimenti b'rati ikbar ta' qabdiet. Kien osservat trasferiment ta' sforz minn irkapti attivi għal irkapti passivi. L-isforz f'kW.jiem ġie ttrasferit fuq bażi ta' 1:1; madankollu, din mhijiex unità adattata sabiex jitkejjel l-isforz tal-irkapti passivi. Għal firxa ta' rkapti statiċi, bħas-segment tal-għeżula, minkejja l-kontribut relattivament baxx tagħhom għall-isforz totali f'kW.jiem, dawn l-irkapti jaqbdu iktar marlozz għal kull unità ta' sforz meta pparagunati, pereżempju, mal-flotta demersali minn fejn ġie ttrasferit l-isforz. L-estensjonijiet kbar ta' xbieki li jintużaw b'mod permanenti fl-ilma jirriżultaw fi pressjoni kontinwa u sinifikanti ta' sajd. Meta l-isforz jiġi ttrasferit fi ħdan l-istess tip ta' rkaptu, pereżempju minn xbieki tat-tkarkir għal xbieki tat-tkarkir fuq il-bażi ta' waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd, bastimenti iktar effiċjenti li jibqgħu fil-flotta jirkupraw l-isforz ta' bastimenti inqas effiċjenti li jiġu skreppjati.

(4) F'każijiet fejn l-isforz (f'kW.jiem) ġie ttrasferit minn bastimenti tas-sajd bl-għeżula għal bastimenti tat-tkarkir fi skambju ma' kwoti (f'tunnellati ta' marlozz), il-bastimenti tat-tkarkir b'kapaċità għolja ta' sajd li jkollhom fil-mira tagħhom l-aktar speċijiet oħrajn għajr il-marlozz irċevew iktar sforz sabiex ikomplu jaqbdu speċijiet oħrajn filwaqt li jarmu l-marlozz, filwaqt li l-bastimenti tas-sajd bl-għeżula rċevew iktar kwoti sabiex ikomplu jistadu l-marlozz b'livelli baxxi ta' sforz espressi f'kW.jiem.

(5) Livell għoli ta' rimi lura ta' ħut dovut jew għal (i) kawżi bijoloġiċi (jiġifieri, iktar abbandunaza ta' marlozz), (ii) restrizzjonjiet leġiżlattivi (jiġifieri, limiti għall-kwoti), (iii) domandi tas-suq (jiġifieri, il-prezzijiet tal-marlozz), jew (iv) l-irkaptu tas-sajd użat u l-karatteristiċi tal-bastimenti.

(6) L-isforz tnaqqas u ġie adattat f'termini nominali (kW.jiem) fejn ma tqiesx l-isforz effettiv[6] li jiddependi fuq il-karatteristiċi tal-bastimenti, l-irkapti, it-titjib fit-teknoloġija u t-tattiċi tas-sajd. Dan jinkludi l-possibbiltà ta' bidliet fl-imġiba fis-sajd, bil-bastimenti preferibbilment ikollhom fil-mira tagħhom żoni b'abbundanza ta' marlozz meta l-kwantitajiet disponibbli ta' marlozz jiżdiedu, jew użu akbar ta' rkaptu tas-sajd li jaqbad iktar marlozz.

---

[6] L-isforz effettiv tas-sajd huwa funzjoni tal-parametri li jikkaratterizzaw il-bastiment tas-sajd u t-teknoloġija tiegħu, li jinkludu mhux biss il-qawwa tal-magna mkejla f'kW, imma anki l-karatteristiċi tal-buq, it-tagħmir tal-gverta, l-elettronika, il-kontroll tal-bastiment, il-ġestjoni tal-qabdiet, kemm ikollhom żmien il-bastiment u l-magna, l-irkaptu u l-attività tas-sajd (inklużi t-tattiċi tas-sajd), li jitqiesu bħala li għandhom l-iktar effett sinifikanti fuq il-mortalitajiet mis-sajd.

(7) Mhux il-bastimenti kollha huma suġġetti għal restrizzjonijiet tal-isforz. Il-bastimenti suġġetti għal restrizzjonijiet tal-isforz (jiġifieri, il-bastimenti b'tul totali ta' 10 metri jew iktar li jġorru abbord l-irkapti regolati u li jaqbdu 5 tunnellati jew iktar ta' marlozz) huma responsabbli għal 71 % mill-qabdiet totali ta' marlozz. Il-bastimenti li jibqa' li jaqbdu 29 % mit-TAC tal-marlozz jistgħu jżidu l-isforz tagħhom bla ebda limitu. Min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tal-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri mir-reġim tal-isforz seta' kkontribwixxa biex l-investiment fuq dawn il-bastimenti jidher attraenti, u b'hekk żdied l-għadd u l-kapaċità tas-sajd tagħhom. Madankollu, ma hemm l-ebda stima dwar id-daqs ta' din il-bidla fl-isforz lejn bastimenti iżgħar fid-daqs. Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni li l-attività tal-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri tiġi limitata ma sabitx l-appoġġ tal-Kunsill.

(8) Il-possibbiltà ta' nuqqas ta' qbil bejn il-qawwa tal-magna uffiċjalment irreġistrata tal-bastimenti u l-qawwa reali u probabbilment aġġornata tagħha. Ir-reġistrazzjoni tal-qawwa tal-magna hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tal-manifatturi u tiġi vverifikata (mhux bilfors imkejla) mill-organizzazzjonijiet responsabbli mis-sikurezza u miċ-ċertifikazzjoni marittimi.

(9) Il-linja bażi inizjali tal-isforz (f'kW.jiem) stabbilita fl-2003 kienet ikkalkulata abbażi tal-attività preċedenti tal-bastimenti. Hekk kif id-dejta tjiebet maż-żmien, il-linja bażi inizjali setgħet kienet iffissata fuq livell għoli b'mod mhux realistiku. F'dan il-kuntest, il-limiti għall-isforz fl-ewwel snin tal-applikazzjoni tal-pjan setgħu ma kinux effettivi.

5. L-IMPATT FUQ L-EKOSISTEMA U L-EFFETTI SOĊJOEKONOMIĊI TAL-PJAN

Minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni kif deskritt hawn fuq, ix-xjenzati jistmaw li l-pjan ma kellu ebda effett fuq l-ekosistema.

5.1. L-effetti soċjoekonomiċi tal-pjan

Ix-xjenzati tal-STECF użaw id-dejta uffiċjali disponibbli li nġabret permezz tal-qafas ta' ġbir tad-dejta dwar is-sajd sabiex jikkalkulaw id-dipendenza ta' kull flotta fuq il-marlozz kif ukoll l-ispejjeż għall-ekwipaġġ, għall-karburant u spejjeż varjabbli bħala frazzjoni tal-valur totali u tas-sehem annwali fuq il-ħatt l-art totali tal-marlozz.

Jekk wieħed jassumi li mill-2006 il-pjan ta' rkupru ġie implimentat b'mod perfett, meta pparagunat mas-sitwazzjoni attwali fejn dan ma sarx, fl-2010 il-mortalità mis-sajd kellha tkun taħt il-mira (F = 0.27), il-bijomassa tal-istokk riproduttiv kellha tkun iktar minn tliet (3) darbiet ogħla u d-dħul mis-sajd u l-profitti operattivi kellhom ukoll ikunu ikbar (Figura 2). Dan ifisser li l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' rkupru mill-2006 kienet iżżid il-profitti netti preżenti għall-perjodu kollu. Barra minn hekk, wara l-2011, il-profitti netti aggregati għas-segmenti kollha kienu dejjem ikunu ogħla, kieku l-pjan ġie implimentat mill-2006.

Figura 2 – Projezzjonijiet komparattivi bejn il-mortalità mis-sajd, il-bijomassa tal-istokk riproduttiv (SSB), ir-rendiment fil-valur u l-profitti operattivi. Il-linja skura kontinwa tirrappreżenta l-implimentazzjoni perfetta tal-pjan mill-2006; il-linja bit-tikek tirrappreżenta l-implimentazzjoni tal-pjan wara l-2011 u; il-linja kontinwa bil-punti tirrappreżenta t-trajettorji marbuta mal-F's li jwasslu sal-massimu l-profitti netti attwali mill-2006 (implimentazzjoni ottima-drastika)



Sors: Ir-rapport tal-SGMOS 10-06 tal-STECF dwar "Evalwazzjoni tal-pjan Multiannwali għall-Marlozz u għan-Nephrops fiż-Żoni VIIIc u IXa", Ottubru 2010.

Wara erba' snin minn meta l-pjan daħal fis-seħħ, ma ġiet osservata l-ebda bidla sinifikanti fil-kapaċità tal-flotot[7]. Għalkemm varjazzjonijiet kbar fil-prezzijiet tal-marlozz u tal-karburant affetwaw il-profitti tal-flotot[8], ma kien hemm ebda ħruġ sinifikanti ta' flotot.

6. KONKLUŻJONIJIET

Hemm indikazzjonijiet li l-pjan għall-marlozz tan-Nofsinhar u għall-ksampu ma kienx effettiv l-aktar minħabba nuqqasijiet fl-implimentazzjoni. Skont l-ICES, fl-2010, wara erba' snin mill-implimentazzjoni tal-pjan fl-2006, ir-rata tal-mortalità mis-sajd (F) għall-marlozz hija kważi tliet darbiet il-mira (F_{max} = 0.27). F'dan il-kuntest, it-TACs għall-marlozz ma ġewx infurzati b'mod sħiħ. Ix-xjenzati tal-ICES stmaw li l-ħatt l-art fl-2010 qabeż it-TAC bi 2.2 darbiet. Peress li r-reklutaġġ meqjus fl-2007 kien għoli b'mod mhux tas-soltu, dan jirrappreżenta opportunità mitlufa sabiex l-istokk tal-marlozz jerġa' jinbena għal livell sostenibbli fil-perjodu ta' żmien previst. F'każ li r-reklutaġġ jerġa' jonqos għal-livelli preċedentement osservati, se jkun meħtieġ perjodu tranżitorju itwal jew tnaqqis ikbar fil-qabdiet sabiex l-F_{msy} jintlaħaq sal-2015.

---

7 Il-"kapaċità" tas-sajd hija l-istokk kapitali massimu disponibbli (jew il-forza tas-sajd) f'sajd li jiġi użat b'mod sħiħ bl-ikbar effiċjenza teknika f'perjodu ta' żmien partikolari, u f'kundizzjonijiet ta' riżorsi u ta' suq partikolari.

8 Bħala frazzjoni tal-flotta totali f'għadd ta' bastimenti.

Ir-reġim tal-isforz ma kienx effettiv sabiex inaqqas il-pressjoni tas-sajd fuq iż-żewġ stokkijiet. Filwaqt li l-isforz nominali tas-sajd għall-irkapti regolati skont il-pjan naqas, l-isforz effettiv żdied l-aktar minħabba trasferimenti ta' sforz lil irkapti li jaqbdu iktar marlozz għal kull unità ta' sforz kif ukoll minħabba għadd sinifikanti ta' bastimenti li mhumiex suġġetti għal restrizzjonijiet tal-isforz. L-isforz li sar fuq l-istokkijiet tal-ksampu tnaqqas parzjalment minħabba bidla fl-isforz lejn is-sajd tal-gambli iktar milli bħala riżultat tat-tnaqqis fl-isforz impost mill-pjan innifsu.

In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-pjan matul il-perjodu 2006-2010 naqqas il-profitti netti preżenti b'20 % meta pparagunati ma' xenarju fejn il-pjan ilu jiġi implimentat b'mod sħiħ sa mill-2006. Sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-konsegwenzi ekonomiċi tal-pjan, ikun meħtieġ li dan jiġi analizzat iktar f'kuntest, l-aktar billi jitqiesu l-ispeċijiet l-oħra maqbuda mill-flotot rilevanti fl-istess sajd jew f'sajd differenti.

Fil-kuntest tal-possibbiltà ta' reviżjoni tal-pjan prevista[9] għall-2011, jeħtieġ li jiġi indirizzat in-nuqqas attwali li jintlaħaq it-tnaqqis fil-mira tal-mortalità mis-sajd. Minbarra kwistjonijiet ta' implimentazzjoni li jeħtieġ li jiġu solvuti b'mod urġenti, irid jittejjeb ukoll ir-reġim tal-isforz. Huwa xieraq li jiġi introdott reġim ta' sforz li jqis is-segmenti tal-flotot involuti fis-sajd, kemm jekk bi rkapti attivi kif ukoll jekk bi rkapti passivi, u possibbilment li l-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz tiġi estiża għall-Golf ta' Cadiz u għal bastimenti iżgħar fid-daqs. Il-prattiki tar-rimi lura tal-ħut jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa sabiex ikun ikkwantifikat l-impatt tagħhom fuq il-mortalità mis-sajd. L-introduzzjoni ta' għeluq staġjonali u f'ħin reali wkoll għandu jkun mezz effettiv sabiex tiġi kkontrollata l-pressjoni tas-sajd, b'mod partikolari fuq l-ilmijiet fejn jirriproduċi ruħu l-ħut. Il-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ksampu skont l-FU (Unità Funzjonali) għandha tirreaġixxi b'mod aħjar għall-miżuri ta' konservazzjoni mitluba għal kull unità tal-istokk. L-inklużjoni ta' speċijiet oħrajn fil-pjan, bħall-petriċi, għandha tkun adattata sabiex ikun minimizzat l-impatt ta' dan is-sajd imħallat fuq ċerti stokkijiet oħrajn. L-għan tal-pjan jista' jiġi rrivedut fid-dawl tal-iktar parir xjentifiku reċenti.

[9] http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/docs/123_mare_southern_hake_en.pdf